**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**John Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 523/2017**

**Illum, 12 ta' Settembru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' John Micallef detentur tal-karta tal-identità numru 413263M akkuzat talli fix-xahar ta' April 2017 f'dawn il-gzejjer:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor tas-somma ta 8,500 Euros u dan ghad-dannu ta' Steve Farrugia u/jew persuni ohra, ai termini tal-artikolu 308 u 310(1)(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) ghad-dannu ta Steve Farrugia u/jew persuni ohra, ai termini ta l-artikolu 309 tal-kap9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar akkuzat talli bejn ix-xahar ta Gunju 2017 u ix-xahar ta Lulju 2017 f'dawn il-gzejjer:

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor tas-somma ta 4,830 Euros u dan ghad-dannu ta Martin Abela u/jew persuni ohra, ai termini tal-artikolu 308 u 310(1)(b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

4. Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-Titolu III, Fuq il-Frodi) ghad-dannu ta Martin Abela u/jew persuni ohra, ai termini tal-artikolu 309 tal-kap9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar akkuzat talli fix-xahar ta Lulju 2017 u/jew fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer:

5. Kiser il-provedimenti ta' l-atikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta Malta moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Gabriella Vella LLD datata 22 ta' Jannar 2015 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi

sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti u l-provi kollha inkluz is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li tinstab htija kontra l-akkuzati li huma:-

a) Fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikoli 22, 23 u 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet ix-xhieda **tal-Ufficjal Prosekutur Jonathan Ransley** li pprezenta c-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali, stqarrija, pagna minn djarju b' kitba fuqha, zewg (2) sentenzi u zewg (2) kopji ta' cekkijiet. Jghid li fid-dsatax (19) ta' Ottubru 2017 il-parte civile Martin Abela rrapporta gewwa l-Ghassa tal-Msida. Jghid li hu s-sid ta' hanut bl-isem ta' *Sir Anthony's Cavern* u li kien gie avvicinat mill-imputat John Micallef li kkonvincih biex japplika ghall-permessi sabiex johrog imwejjed u siggijiet. Izid jghid li l-imputat qal lill-parte civile li huwa impjegat tal-Kunsill Lokali tal-Msida. Izid jghid li apparti minn hekk hu saqsa lill-imputat jekk setax jghinu jikseb working permit ghall-impjegata tieghu. Jghid li habba f'hekk il-parte civile kien tah cekk ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) sabiex jiksiblu dan il-working permit filwaqt li anke

hareg elf u tliet mija u hamsin ewro (€1,350) sabiex jiksiblu permess ghas-siggijiet u mwejjed. Jghid li dan kollu ammonta ghall-ammont ta' erbat elef u tmien mija u hamsin ewro (€4,850).

Jixhed li l-parte civile Martin Abela ma kienx qieghed jircievi komunikazzjoni minghand l-imputat rigward dan ix-xoghol li nghatalu. Jghid li ghalhekk l-istess parte civile vverifika mal-MEPA jekk gewx registrati xi permessi izda dan irrizulta fin-negattiv. Jixhed ukoll li sar jaf minn Martin Abela li kien ingidem persuna ohra bl-isem ta' Steve Farrugia (ID 500178M). Jikkonferma li hu kien kellem lil dan Steve Farrugia li wkoll ikkonferma mieghu li l-imputat kien avvicinah sabiex jaghmlu xi negozju fix-xorb alkoholiku. Jghid li dan il-ftehim kien jinkorpora ammont ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) fejn tmint'elef u hames mitt ewro (€8,500) minnhom huma sehem l-istess Steve Farrugia. Ikompli jixhed li dan in-negozju sfaxxa fix-xejn mal-imputat u dan peress li l-istess imputat gie bl-iskuza li kien qieghed jaghmel negozju ma' certu Boris mill-Bulgarija izda dan sparixxa minghajr spjegazzjoni ta' xejn.

Jixhed ukoll li wara din l-informazzjoni hu kien ikkomunika mal-imputat sabiex jigi l-ufficcju tieghu u li l-istess imputat qallu li ser jattendi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2017 u anke jilhaq igib il-flus dovuti lil Martin Abela. Izid jghid li meta kkomunika mieghu ghall-ewwel darba l-imputat kien qallu li jaf dwar xiex xtaq ikellmu. Jghid li l-imputat naqas milli jattendi u naqas milli jattendi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru 2017. Jghid li meta ltaqghu hu kien assistit mill-PL Peter Paul Zammit. Jixhed li l-imputat stqarr li d-dejn dovut lill-parte civile Steve Farrugia ma setax jigi rizolt stante problemi li kellu f'negozju ma' certu Boris gewwa l-Bulgarija. Jixhed li meta mistoqsi dwar Martin Abela l-imputat insista li l-flus ghandhom x'jaqsmu mal-fatt li l-istess Martin Abela kien jaf li l-imputat kien ghaddej minn problemi finanzjarji. Jixhed ukoll li a rigward Steve Farrugia kienet saret skrittura privata. Izid jghid li hu ma investigax minn fejn gew il-flejjes tal-parte civile.

Illi xehed il-parte civile <u>**Martin Abela**</u> li jghid li hu kien fetah stabbiliment bl-isem ta' The Cavern gewwa Brockdorf Street, Msida bin-numru 9. Izid jghid li magenbu kien hemm stabbiliment li kien ilu miftuh ghal madwar tletin (30) sena li beda jirrappurtah b'mod

konsistenti. Jixhed li darba minnhom gie rrappurtat rigward kontravenzjoni ta' skart u ghalhekk mar jivverifika l-imputat John Micallef stante li kien jahdem mal-Kunsill Lokali. Jghid li minn dakinhar l-imputat kien jiffrekwenta l-istabbiliment tieghu u jitkellem mieghu. Gara li kien spjegalu li qieghed jipprova jikseb working permit ghall-haddiema Serbjana u kien ghalhekk li l-imputat ikkomunika ma' xi hadd li jaf gewwa l-Identity Malta u qalulu li kull ma kellhom jaghmlu huwa li jhallsu l-bolla ta' tliet (3) snin ta' din l-impjegata u l-applikazzjoni thaffef iktar. Jixhed li flimkien ikkalkulaw l-ammont ghal madwar tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600). Jikkonferma li c-cekk li hareg hu dak li gie esebit u mmarkat bhala Dok. JR7.

Jghid li l-imputat kien konvincenti hafna izda l-iktar meta nzerta gie jiehu kafè gewwa l-istabbiliment tieghu darba minnhom. Jghid li dak iz-zmien kien hemm kuntrattur hdejh li kien qieghed itella' blokka u jaghlaqlu t-triq billi jitfa' crane. L-imputat kien ghalhekk issuggerixxilu sabiex japplika ghal permess sabiex jaghmel is-siggijiet u l-imwejjed barra. Jghid li kemm-il darba kien jara lill-imputat ikejjel quddiem hwienet ohrajn li xtaqu jzidu s-siggijiet u l-imwejjed fuq barra u dan il-fatt kien gieghlu jafdah iktar. Jixhed

li dak il-hin stess l-imputat kejjel l-ispazju ta' barra tal-hanut u kkalkula li l-hlas ghall-applikazzjoni kien ser jammonta ghal hames mija u tletin ewro (€530). Ikompli jixhed li dan l-ammont thallas lill-imputat fi flus kontanti. Jixhed li l-ghada nzerta lill-imputat kien rega' qieghed ikejjel quddiem il-hanut tieghu u li kien infurmah li l-permess wettqu izda l-ammont ghola b'mitt ewro (€100). Izid jixhed li l-imputat kien tah il-parir sabiex jaqbad u japplika ghal canopy u ghalhekk l-ammont globali ta' dan ix-xoghol kien gie jammonta ghal elf u erba' mitt ewro (€1,400). Izid illi dan l-ammont thallas fi flus kontanti.

Jixhed li xahrejn wara dan kollu kkuntattja lill-imputat sabiex isaqsi dwar l-applikazzjoni tal-impjegata Serbjana izda dan infurmah li stante problemi fil-Ministeru relattiv kien ser ikun hemm dewmien. Jghid li ntant kien skopra minghand il-MEPA li ma kienx hemm applikazzjonijiet ghall-permessi ta' siggijiet u mwejjed. Jghid li baqa' jigri wara l-imputat ghal madwar tmien (8) jew disa' (9) xhur sabiex jirritornalu l-flus lura. Jghid li eventwalment tkellem mal-Kunsill Lokali dwar din il-kwistjoni mal-imputat u huma nfurmawh li l-imputat mal-festi biss kellu x'jaqsam u mhux ma' permessi fuq siggijiet u mwejjed. Jghid li mar

l-ghassa flimkien mas-sindku tal-Imsida, certa Margaret sabiex ihejju rapport quddiem Spettur. Izid jghid li l-ghada filghodu nzerta kien ghaddej xi hadd jigbor iz-zibel hdejn il-hanut li saqsih dwar l-imputat stante li hu wkoll kien ingidem u li l-istess imputat kien hadlu madwar tmint'elef u hames mitt ewro (€8,500). Ipprezenta wkoll pen drive fejn fuqha hemm recording tal-imputat ikellmu.

Illi xehed <u>PS1033 Sandro Mangion</u> li pprezenta rapport li gie infurmat bih fit-tmienja (8) ta' Ottubru 2017. Jghid li dan ir-rapport gie mnizzel minn PC145 u ghalhekk sussegwentement lill-Ispettur tieghu stante li kien jikkonsisti f'kaz ta' frodi.

Illi xehed <u>PS1293 Luke Vella</u> li jghid li fid-dsatax (19) t'Ottubru 2017 irrappurtaw gewwa l-Ghassa tal-Imsida l-parte civile Martin Abela flimkien mas-sindku tal-istess lokalità Margaret Baldacchino u certu Alan Vella. Jghid li dawn irrappurtaw li l-imputat kien mar hdejn il-PFR tal-istabbiliment The Cavern sabiex jinfurmah li sejjer japplikalu ghall-permess ta' estensjoni ta' mwejjed u siggijiet fuq barra. Jghid li l-imputat kien wieghed li ser jiehu hsieb kollox izda wara li vverifikaw mal-MEPA skoprew li qatt ma saret applikazzjoni.

Jghid li hu ma rax lill-imputat izda kien infurma lis-superjuri tieghu u li kien kellmu l-Ispettur Ransley.

Illi rega' xehed l-istess <u>PS1293 Luke Vella</u> li jghid li fid-dsatax (19) ta' Ottubru 2017 gew l-Ghassa tal-Imsida s-Sindku Margaret Baldacchino flimkien mas-Segretarju Alan Vella fejn ghamlu rapport kontra l-imputat John Micallef li kien qieghed jahdem f'isem il-Kunsill Lokali tal-Imsida. Jghid li tali rapporti kienu jikkoncernaw ir-reati ta' frodi. Jghid li tali dannu sar lill-Kunsill Lokali.

Illi xehed <u>Keith Cutajar</u> li jghid li kien gie inkarigat fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena 2019 sabiex jaghmel traskrizzjoni ta' konverzazzjoni li f'sensiela ta' audio clips prezenti fuq id-dokument immarkat Dok. MA1. Jghid li hu kellu jaghmel dak li jissejjah voice optimisation stante li kien hemm hafna storbju fil-madwar. Jispjega li dan kellu jsir sabiex l-audio clips jinstemghu b'mod iktar car.

Illi xehdet <u>Marthese Debono</u> inrapprezentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar li tghid li mir-ricerka li ghamlet sabet permess lil Martin

Abela ghal part change of use minn outlet class 4 ghal class 4C. L-applikazzjoni anke tinkludi alterazzjonijiet ta' tip minuri. Tixhed li dan il-permess hareg fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena 2016. Tghid li a rigward l-imwejjed u s-siggijiet ma hemmx permessi f'dan is-sens.

Illi xehed <u>Dr Michael Camilleri</u> inrapprezentanza tal-Malta Tourism Authority li jghid li saret ricerka fuq l-imputat John Micallef kif ukoll fuq l-istabilimet St. Anthony's Cavern u li tali ricerka rrizultat fin-negattiv ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' licenzji.

Illi xehed <u>Alan Vella</u> li huwa segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imsida li jghid li x-xoghol tal-imputat John Micallef kien li jwettaq supervizjoni fit-toroq tal-lokalità mal-haddiema li jkunu qeghdin iwettqu x-xoghlijiet. Oltre minn hekk kien jivverifika jekk kienx ikun hemm xi hadd iwettaq xi xoghlijiet minghajr permessi. Izid jghid li responsabilità ohra li kellu kien li jirrapporta lis-superjuri tieghu jekk kienx hemm problema b'boroz tal-iskart. Jixhed li l-imputat kien impjegat mad-District Operations u tramite skema tal-JobsPlus kien gie mibghut jahdem mal-Kunsill Lokali. Jixhed li l-imputat kien impjegat u assenjat mid-District

Operations ghall-Kunsill Lokali ghal madwar sena. Jghid li min jahdem fil-Kunsill Lokali m'ghandux access sabiex jiccekkja u jivverifika dettalji tal-Karti tal-Identità tar-residenti tal-lokalità.

Illi xehed il-parte civile <u>Steve Farrugia</u> li jghid li hu huwa kuntrattur u li kellu x'jaqsam hafna mal-Kunsill Lokali. Kien ghalhekk tramite x-xoghol li sar jaf lill-imputat. Jghid li eventwalment kien fdah sabiex jidhol fin-negozju mieghu ghal xi xorb alkoholiku. Jixhed li kienu miftiehmin li jgibu kontenitur ta' whiskey kif ukoll vodka minn barra. Izid jghid li din l-operazzjoni swiet madwar sittax-il elf ewro (€16,000) u li s-sehem tieghu kien ta' tmint'elef u hames mitt ewro (€8,500). Izid jghid li darba minnhom, meta kien qieghed il-Kunsill Lokali; inzerta lil Martin Abela li kien qieghed ifittex lill-imputat stante li kien iffroda lilu wkoll. Izid jghid li ghalhekk marru flimkien l-Ghassa sabiex jaghmlu rapport kontra l-imputat. Jghid li hu ta cekk lill-imputat liema cekk gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. SF1. Jikkonferma wkoll li d-dokument a fol. 50 tal-atti processwali hija kitba li l-imputat ircieva cekk minghandu.

Illi xehdet <u>Dr Juliana Scerri Ferrante</u> li tghid li giet appuntata fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena 2020 bhala espert kalligrafiku u dan

sabiex taghmel paragun fi skrittura tad-dokument Dok. JR4 u l-iskrittura tal-imputat. Tali analizi gie redatt f'rapportipprezentat u mmarkat bhala Dok. JSF1. Tghid li hi kkonkludiet hekk:

> *"L-espert hawn taht iffirmata, wara li studjat il-varjazzjonijiet diversi tal-iskrittura tal-imputat mit-tliet kampjuni li ttiehdu seduta stante, tikkonkludi illi l-iskrittura in kwistjoni taqa' fil-parametri tal-varjabilita` tal-iskrittura tieghu."*

Illi xehdet __Lorraine Attard__ inrapprezentanza tal-HSBC Bank Malta PLC li tghid li c-cekk numru 644 minn kont 044127231001 datat tlieta (3) ta' Lulju 2017 ghall-ammmont ta' €3,506.84 huwa pagabbli lil John Micallef. Tghid ukoll li dan ic-cekk issarraf fit-tlieta (3) ta' Lulju 2017. Izzid tghid li dan ic-cekk inhareg minn kont f'isem Martin u Michelle Abela. Tixhed ukoll li fuq wara ta' dan ic-cekk hemm firma bin-numru tal-karta tal-identità 413263M.

Illi xehdet __Joanna Bartolo__ inrapprezentanza tal-bank Bank of Valletta PLC li pprezentat kopja ta' cekk mahurg minn SRF Cleaning Services Ltd. bil-kont numru 400204096542 bin-numru 143 u fl-

ammont ta' €8,500. Izzid tghid li dan ic-cekk hareg fis-sebgha (7) t'April 2017 u li l-istess cekk issarraf fit-tmienja (8) t' April 2017 minn individwu bil-karta tal-identità numru 413263M.

**IKKUNSIDRAT**

Illi r-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel meta jinsab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xahrejn sa' sentejn jew il-multa."*

Illi dan l-ahhar artikolu tal-Ligi jittratta dwar ir-reat (inqas gravi mir-reat ta' truffa) ta' frodi nnominata.

Illi l-Artikolu 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar l-aggravanti tar-reati msemmija, ibbazati fuq il-valur tal-hsara maghmula.

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reati ta' truffa u frodi nnominata huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Issa huwa stabbilit illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru l-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedilu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb** (App. Inferjuri – 1993) illi:

*"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 - Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti iccitat lill-<u>Imhallef Guze Flores</u> fejn qal illi -

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu*

*affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal- frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima*

*produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, ghalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente*." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004 -

*"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di*

> ***quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi sentenza ohra ricenti ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Tania Borg</u> deciza fis-27 ta' Gunju tas-sena 2024 sahqet hekk:

> *"Ghall-finijiet ta' l-elementi tar-reati li bihom qed tigi mixlija l-imputata, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Kenneth De Martino, pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2016, fejn inghad: L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna. "Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga*

*li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent … jekk l-ingann jew qerq ikunu jikkonsistu f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolenti nnominat)". Illi x'jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji wkoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna.*

*…*

*Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin. Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd. Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt ta' truffa kull min: a. B'mezzi kontra l-ligi, jew b. Billi*

*jaghmel uzu minn ismijiet foloz; jew c. Ta' kwalifiki foloz; jew d. Billi jinqeda b'qerq iehor; u e. Ingann; jew f. Billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz; g jew Ta' hila; h. Setgha fuq haddiehor; jew i. Ta' krediti immaginarji; jew j. Sabiex inqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. … Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi.…" Dwar artifizi ntqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpnajat minn apparat estern li jassahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat."*

Illi, in oltre, a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-Cassazione Taljana (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi -

*"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."*

Illi mill-provi prodotti hareg car illi l-vittmi Martin Abela u Steve Farrugia kienu individwi li ghamlu l-ghalmu taghhom sabiex jitolbu aggornamenti dwar il-ftehimiet rispettivi taghhom. Oltre minn hekk mill-provi prodotti lil din il-Qorti jirrizultalha diversi fatti li juru bic-car li l-imputat ha vantagg mill-vittmi tant li spicca ingannahom u dan kif ser jigi spjegat.

Illi mod kif l-imputat inganna lil vittma Martin Abela huwa li pprezenta ruhu bhala impjegat tal-Kunsill Lokali tal-Imsida. Fuq dan il-punt il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li xehed ir-

rapprezentant tal-istess Kunsill Lokali u cioè Alan Vella. Dan ix-xhud spjega fid-dettall li l-imputat di fatti kien impjegat mid-District Operations tramite skema tal-JobsPlus u li kien gie assenjat li jahdem ghall-Kunsill Lokali. Ghalhekk il-Qorti tqis li mhuwiex minnu li l-imputat kien impjegat mal-Kunsill Lokali.

Illi maghdud ma' dan ix-xhieda moghtija minn Marthese Debono hija krucjali ghal din il-Qorti sabiex tistabbilixxi kif l-imputat inganna lill-parte civile. Din ix-xhud fil-fatt ikkonfermat li l-imputat ma kienx applika ghall-permess li kien wieghed lill-istess vittma sabiex ikun jista' jestendi l-istabbiliment tieghu permezz ta' zieda ta' mwejjed u siggijiet. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-dettall li xehed Martin Abela u cioè li l-imputat kien anke wettaq *mis-en-scen* meta qaghad ikejjillu l-parti esterna tal-istabbiliment. Dawn il-fatti kollha wasslu sabiex l-imputat jirnexxielu jinganna u b'hekk jiffroda lil Martin Abela.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-imputat naqas milli jtella' difiza soda sabiex jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih. Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha stess moghtija fis-26 ta' Frar tas-sena 2024 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Borg</u>**. L-

imputat f'dik il-kawza kien wera bic-car lil din il-Qorti li kien qieghed jistenna risposta minn terzi sabiex jaqdi lill-vittma:

> *"... Oltre ` minn hekk mill-provi prodotti ma hareg xejn li ghandu jikkonvinci lil din il-Qorti li l-imputat ha vantagg mill-parte civile tant li spicca ngannah. Dan iktar u iktar stante l-fatt li hareg bic-car mill-provi li l-imputat kien verament jahdem bhala impjegat tas-socjetà Borg Cini & Company Ltd.*
>
> *Illi ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-akkuzat wera bic-car li hu kien qieghed jahdem minghajr ebda hsieb li jinganna. Dan ma jonqos xejn mill-fatt li l-istess akkuzat seta' jipprovdi aggornamenti iktar regolari lill-parte civile dwar l-ordni tal-kcina. Izda wara kollox gie muri bic-car li xoghol l-akkuzat kien jiddependi totalment minn kumpanija estera liema kumpanija falliet fl-operat taghha."*

Illi ghalhekk fir-rigward tal-vittma Steve Farrugia din il-Qorti ma hi xejn impressjonata bl-iskuza li ressaq l-imputat li kien qieghed

jistenna minghand certu Boris mill-Bulgarija stante li l-istess imputat naqas milli jipproduci kwalunkwe tip ta' komunika li seta' kellu ma' dan l-individwu. Il-Qorti tirrileva wkoll li mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni ghandu jinghad li din l-iskuza hija l-*modus operandi* ta' kif l-imputat jinganna lill-individwi u dan anke kif jixhed mis-sentenza pprezentata a fol.192 tal-atti processwali.

Illi di più l-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha b'dana li r-rapprezentanti kemm tal-bank HSBC Bank Malta PLC kif ukoll tal-bank Bank of Valletta PLC ikkonfermaw li c-cekkijiet mertu tal-kawza ssarrfu mill-imputat. Di più l-Qorti tabbraccja l-konkluzjoni tal-espert mahtura minn din il-Qorti u cioè Dr Juliana Scerri Ferrante li kkonkludiet li l-kitba prezenti fuq id-dokument immarkat bhala Dok. JR4 di fatti hija kitba tal-istess imputat. Din il-prova tindika ammissjoni indiretta li l-imputat ftiehem mal-parte civile Steve Farrugia u li sahansitra anke rcieva l-flus minghand l-istess vittma.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fir-rigward tar-reati ta' truffa.

**IKKUNSIDRAT**

Illi ghar-rigward il-hames (5) akkuza, u cioè dik ta' ksur tal-kundizzjonijiet waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-Probation, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova necessarja sabiex tipprova li tali kundizzjonijiet kienu in vigore fid-data tal-allegat reat.

Illi l-Qorti giet mitluba biex titratta lill-imputat bhala recediv mill-Prosekuzzjoni. Illi ugwalment ma giet ipprezentata ebda sentenza li tikkonferma dan.

**IKKUNSIDRAT**

Illi ghar-rigward il-piena il-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra,*

*hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Zammit</u>** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dean Micallef</u>** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

*"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu*

> *biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata*

*tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi*

*penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-*

*rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed*

*mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi di più l-fedina penali turi bic-car li l-imputat kemm-il darba nstab hati tal-istess tip ta' reat. Huwa ghalhekk li din il-Qorti tqis li l-istess imputat huwa ta' periklu finanzjarju ghas-socjetà u li piena riformattiva ma hiex ser taghmel gid ghas-socjetà u wisq anqas ghall-imputat u dan stante li qatt ma tghallem mill-passat tieghu.

Illi referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat minn din l-Onorabbli Qorti kif diversement presjeduta fis-17 ta' Novembru tas-sena 2006. Hawnhekk l-imputat kien gie mressaq fuq akkuzi similissimi fejn il-piena li l-Qorti stabbiliet kienet din:

*"Ghaldaqstant, issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 141, 293, 294 u 309 tal-Kodici Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat. Ma tikkundannahx ghal piena karcerarja izda tilliberah izda il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum."*

Illi xejn inqas minn xahrejn (2) wara u cioè fid-19 ta' Jannar tas-sena 2007 l-imputat rega' nstab hati tal-istess tip ta' reat bhal dak odjern stante ammissjoni:

*"Ghaldaqstant, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 18, 141, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali u tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk l-imputat jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u tordna lill-imputat li jhallas is-somma ta' sitt mija u hamsa*

*u sebghin lira maltin (Lm675) lil John Tanti fi zmien sitt xhur mil-lum."*

Illi sentenza ohra moghtija fit-22 ta' Gunju tas-sena 2007 stipulat hekk:

*"Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tas-27 ta' Gunju 2002 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-probation illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet…"*

Illi l-imputat kemm-il darba bbenifika minn pieni li kellhom l-intenzjoni sabiex jinghata c-cans ta' riforma. Izda huwa car daqs il-kristall ghal din il-Qorti li l-imputat m'ghandu ebda interess li jiehu l-inizjattiva u juri l-affidabilità tieghu. Di fatti din il-Qorti kif

komposta kienet digà tat ic-cans lill-imputat meta sabitu hati fuq l-istess reat bhal dak odjern fit-30 ta' Mejju tas-sena 2022:

*"Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat John Micallef hati talewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra fuq nuqqas ta' provi.*

*Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta."*

Illi ghalhekk hija fl-umli fehma ta' din il-Qorti li piena ta' karcerarja effettiva hija wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja b'mod specjali fil-konfront tal-vittmi.

**<u>Decide</u>**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-akkuzat **John Micallef** hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi (stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza) kif ukoll tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi (stante li r-raba' (4) akkuza hija assorbita fit-tielet (3) akkuza) u tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija effettivi filwaqt li tilliberah mill-hames (5) imputazzjoni stante nuqqas ta' provi.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas lura tal-flejjes ammontanti dak li gie misruq mill-imputat.

----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**